MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 215/2009

**Go p.l.c.
(C – 22334)**

**vs**

**Christian Farrugia
(I.D. 528574M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta' disa' mija u tnejn u ghoxrin Euro u hamsa u erbghin centezmi (€922.45), rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21578682, skont kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati Dok A u B.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ahhar pagament, u cioe' mill-1 ta' Ottubru, 2006 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' disa' mija u tnejn u ghoxrin Euro u hams au erbghin centezmi (€922.45), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------